**350. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joe Brincat:**

Illi l-Kamra tiddeċiedi:

Illi ż-żewġ seduti mħollija għad-diskussjoni fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali tal-ispiża għas-sena 1982, jinqasmu hekk li l-Oppożizzjoni tieħu l-ewwel seduti, u l-Gvern jieħu t-tieni seduta; u

Illi kwalunkwe parti mis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja, kif ukoll kwalunkwe parti mis-seduti l-oħra kollha konnessi ma' dan ix-xogħol finanzjarju (Ordnijiet Permanenti 71/82); u kwalunkwe parti mis-seduta li fiha ssir id-diskussjoni fuq l-Estimi Supplimentari 1981, ikunu jistgħu jiġu murija direttament fuq it-television u mezzi oħra tax-xandir, kif ukoll iffilmjati u rekorjati biex jistgħu jkunu trasmessi f'dati sussegwentementi; u li għal dan il-għan, ikunu jistgħu jidħlu fil-Kamra l-persuni li jkun hemm bżonn.

28.08.1981